

32003R2340

L 346/31

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.12.2003

IR-REGOLAMENTI TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2340/2003

tad-29 ta' Diċembru 2003

li jidderoga għas-sena 2004, mir-Regolament (KE) Nru 1279/98 li jniżżeł regoli dettaljati għall-applikazzjonijiet ta' kwoti tat-tariffi għal-laħam taċ-ċanga u vitella previsti mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/286/KE, 2003/298/KE, 2003/299/KE, 2003/18/KE, 2003/263/KE u 2003/285/KE għall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tal-Polonia u r-Repubblika ta' l-Ungaria

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq l-organizzazzjoni komuni ta' s-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella (¹) b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu ta' dan l-Artikolu 32(1),

Billi:

- (1) Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-konċessjonijiet f'dak li jirrigwardja l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella taħt il-kwoti tat-tariffi miftuħa għall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, ir-Rumanija, il-Polonia u l-Ungaria, kienu adottati mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1279/98 (²).
- (2) Soġġetti għar-ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungaria, Malta, il-Polonia, l-Islovenja u l-Islovakkja (minn hawnhekk il-quddiem Imsejħa "L-Istati Membri ġodda"), ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, il-Polonia u l-Ungaria sejrin jidħlu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. Il-kwoti attribwiti għal dawk il-pajjiżi għandhom għalhekk jinfetħu biss sad-data ta' l-adeżjoni tagħhom
- (3) Sabiex l-operaturi mill-Istati Membri ġodda jibbenefikaw mill-kwoti preferenzjali mogħtiġa lill-Bulgarija u r-Rumanija kif spċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1279/98, il-kwantitatijiet għad-disposizzjoni għall-perjodu ta' kwota li jibda minn Jannar 2004 u jkompli sat-30 ta' Ġunju 2004 għandu jkunu maqsum fżewġ porzonijiet fuq bażi ta' pro rata temporis. fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sat-30 ta' April 2004.
- (4) Il-kwantitatijiet għad-disposizzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sa t-30 ta' Ġunju 2004 fil-kwoti tat-tariffi miftuħa taħt ir-Regolament (KE) Nru 1279/98 għar-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja, il-Polonia u l-Ungaria għandhom jkunu disponibbli qabel t-30 ta' April 2004.
- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Laħam taċ-ċanga u l-Vitella,

(¹) ĠU L 160, tas-26.6.1999, pg. 21; Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, tal-21.10.2003, pg. 1).

(²) ĠU L 176, ta' l-20.6.1998, pg. 12; Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1144/2003 (ĠU L 160, tat-28.6.2003, pg. 44).

Artikolu 1

1. Permezz ta' d-deroga mill-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1279/98, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2004, il-kwantitatijiet għandhom jkunu mniżżla b'dan il-mod li ġej:

- (a) mill-1 ta' Jannar sa t-30 ta' April 2004, 50 % tal-kwoti rilevanti li msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament, f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti li ġejjin mir-Repubblika Ċeka, l-Ungaria, il-Polonia u s-Slovakkja;
- (b) f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti li ġejjin mill-Bulgarija u r-Rumanija;
 - (i) mill-1 ta' Jannar sa t-30 ta' April 2004, 33 % mill-kwoti rilevanti kif msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament;
 - (ii) mill-1 ta' Mejju sa t-30 ta' Ġunju 2004, 17 % mill-kwoti rilevanti msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dak r-Regolament.

2. Permezz ta' din id-deroga mit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (EC) Nru 1279/98, fejn il-kwantitatijiet koperti mill-liċenzja ta' l-esportazzjoni sottomessi b'riferenza għall-porzjon mill-1 ta' Lulju sa l-31 ta' Diċembru 2003 huma inqas minn dawk disponibbli, il-kwantitatijiet li jibqgħu jkunu miżjudha ma' dawk disponibbli mal-porzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b)(i) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Li jifdal mill-porzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b)(i) ikunu miżjudha ma' dawk disponibbli għall-fdaliżjet imsemmija fil-paragrafu 1 (b)(ii).

Artikolu 2

Permezz tad-deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1279/98, liċenzja ta' importazzjoni maħruġa mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2004 sejrin ikunu validi għal 120 ġurnata mill-ġurnata attwali ta' ħruġ tagħha fl-ambitu ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1292/2000 (³). Madankollu, l-ebda liċenzja sejra tkun valida wara t-30 ta' April rigward prodotti li jorġinaw mir-Repubblika Ċeka, l-Ungaria, il-Polonia, u s-Slovakkja.

(³) ĠU L 152, 24.06.00, pg. 1.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni
